A.L. 119 ta' l-1991

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI) KAP. 161

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm1,500,000 6.5%*Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1996/97

(IR-RABA' ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza il-ħruġ ta' Lm1,500,000 6.5% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1996/97 (Ir-Raba' Ħruġ) kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-i*Stock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*Stock* jiftħu t-Tnejn, 5 ta' Awissu, 1991, fid-9 a.m. u jagħlqu f'nofs in-nhar ta' nhar is-Sibt, 17 ta' Awissu 1991 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tinġabar

2. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm1,500,000.

Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fis-17 ta' Awissu u fis-17 ta' Frar ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock* . L-ewwel ħlas ta' Lm3.25,0 kull Lm100 *Stock* relattivament għall-perijodu bejn it-18 ta' Awissu, 1991 u s-17 ta' Frar, 1992, għandu jsir fis-17 ta' Frar, 1992.

Eżenzjoni minn ħlas ta' Taxxa.

4. L-ewwel Lm50 imgħax fuq dan l-i*Stock* huma eżentati mill-ħlas tat-Taxxa fuq l-*Income*.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

5. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm15,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-i*Stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien tliet snin mit-18 ta' Awissu, 1991.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parita' f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1996 u l-31 ta' Diċembru, 1997 (iż-żewġ dati magħdudin) kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-i*Stock* jiġi mifdi biss mal-konsenja taċ-Ċertifikat ta' l-i*Stock* maħruġ.